# Italian & Swiss Markets
# North Italy & Switzerland



**PREZZ KULL PERSUNA**
**(Half Board, Taxxi u Eskursjonijiet mħallsa)**

Validu sal-5 ta' Sett

**Skontat**

Kamra ta' tlett persuni .............. €800
Kamra żewġ persuni .................. €800
Kamra ta' persuna waħda .......... €920
Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti ......................... €720

**PREZZ JINKLUDI:**

- Titjira mal-KM Malta Air għal Milan
- 20kgs Bagalji + Hand Luggage
- 4 Iljieli - Hotel Concorde 3*+
- Buffet breakfast kuljum
- Ċena Kuljum (4 ikliet)
- Eskursjonijiet (esklużi l-entraturi, cable cars u boat trips)
- Taxxi ta' l-ajruport
- Insolvency Protection
- Tour Leader

**PREZZ MA JINKLUDIEX:**

- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom*
*Staqsi għall-Kundizzjonijiet Generali*

## 09 - 13 TA' DIĊEMBRU 2025

**5 t'ijiem**

**INŻURU: Arona, Ascona Lago Maggiore, Lugano, Como, Locarno, Centovalli, Vercelli, Novara**

### IT-TLIETA 09 TA' DIĊEMBRU

Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fl-10.00 għat-titjira diretta tal-KM Malta Airlines KM624 lejn Milan li ttir fin-12.25 u naslu Linate fis-14.25. Wara transfer bil-kowċ lejn il-Hotel Concorde 3*+ ġewwa **Arona**. Mal-wasla tagħna fil-Hotel issir is-sistemazzjoni tal-kmamar. Ċena fil-lukanda.

### L-ERBGĦA 10 TA' DIĊEMBRU

Wara Buffet Breakfast, eskursjoni mill-iżjed interessanti li ser teħodna l-Isvizzera fejn ser nżuru l-belt ta' **Ascona** li tinsab ma' Lago Maggiore**, Lugano** – il-belt kapitali tal-Canton ta' Ticino, u wara nofsinhar nirritornaw l-Italja u nżuru l-belt ta' **Como**. L-ewwel nżuru l-belt ta' Ascona li tinsab fin-naħa ta' fuq ta' Lago Maggiore. Nagħmlu mixja matul it-toroq pittoreski mimlija restaurants u cafés, mixja li twassalna sal-promenade li issaħħrek bil-ġmiel naturali tiegħu. Nkomplu lejn Lugano, u mat-tour leader, naraw iċ-ċentru storiku, Via Nassa li hi triq mimlija ħwienet eleganti u Piazza Della Riforma. Hawnhekk nistgħu mmorru mixja matul il-promenade, b'xenarju mill-aqwa ta' Lag ta' Lugano mdawwar bil-muntanji. Ħin liberu fejn ikollkom ħin biex iżżuru l-Christmas Market. L-aħħar waqfa tkun fil-belt ta' Como fejn flimkien mat-tour leader naraw Piazza Cavour, Piazza Volta, Città Vecchia, u d-Duomo – maħdum b'irħam abjad bi stil gotiku. Passiġata matul il-lag ta' Como jew dawra fil-Christmas Market ma tonqosx. Ċena fil-lukanda.

### IL-ĦAMIS 11 TA' DIĊEMBRU

Wara kolazzjon, neħħulha lejn il-muntanji u nżuru r-raħal pittoresk ta' **Santa Maria Maggiore**, li jinsab fil-**Wied ta' Vigezzo**. Dan ir-raħal huwa magħruf għall-wirt artiġjanali tiegħu u d-djar imżejna b'freski. Ikollna ftit ħin liberu biex nesploraw it-toroq dojoq u pittoreski. Aktar tard, se nitilgħu fuq il-ferrovija **Centovalli** (biljett extra) u nqattgħu madwar siegħa ngawdu l-veduti spettakolari ta' widien, foresti u pontijiet. Bil-ferrovija naslu fil-belt Żvizzera ta' **Locarno,** fuq ix-xatt tat-tramuntana tal-Lag Maggiore, fejn ikollna aktar ħin liberu biex nesploraw il-pjazez eleganti, it-toroq tul il-lag u l-ħwienet, jew, għal min jixtieq, jista' jitla' bil-funikular sal-**Madonna del Sasso** (biljett extra), santwarju magħruf u post ta' pellegrinaġġ li joffri veduti impressjonanti tal-lag u l-muntanji ta' madwar. Wara, nerġgħu lura lejn il-lukanda u, wara l-ikla ta' filgħaxija, immorru mixja mal-mexxej tat-tour.

### IL-ĠIMGĦA 12 TA' DIĊEMBRU

Illum nibdew billi nżuru **Vercelli**, belt storika magħrufa għall-arkitettura tagħha u għat-tkabbir u l-produzzjoni tar-ross. Hawnhekk nagħmlu żjara fiċ-ċentru storiku li se jkun imżejjen għall-Milied u jkollna ħin liberu biex nesploraw, nieħdu kafè jew nagħmlu ftit xiri. Wara nkomplu l-ġurnata b'esperjenza ta' togħmiet lokali billi nagħmlu waqfa fil-villaġġ pittoresk ta' Ghemme, magħruf għall-inbid tiegħu. Waqt li nkunu hemm, inżuru kantina tal-inbid u jkollna **degustazzjoni ta' nbid u grappa** (dħul extra). Tard wara nofsinhar, naslu f'**Novara**, fejn inżuru s-suq tal-Milied mimli kuluri u ħsejjes festivi. Min jixtieq jista' jingħaqad mat-tour leader u jżur il-Katidral ta' Santa Maria Assunta u l-Bażilika ta' San Gaudenzio, magħrufa għall-arkitettura imponenti tagħha. Wara ġurnata indimentikabbli, nirritornaw lejn il-lukanda.

### IS-SIBT 13 TA' DIĊEMBRU

Buffet Breakfast u ħin liberu. Għall-ħabta tal-10.30, transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Linate għat-titjira KM625 li ttir fit-15.15 u naslu lura Malta fil-17.15.